MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1563/2007

Il-Pulizija
(Sup Martin Sammut)
vs
Housin Aljasem, iben Ahmed, imwieled il-Libja fl-10 ta' Lulju, 1969, Karta ta' l-Identita numru 32525(A)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat, talli f'dawn il-Gżejjer, fit-30 ta' Diċembru, 2007, għal ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' fil-għaxija (2045), ġewwa San Ġiljan:
1. mingħajr il-ħsieb li joqtol, jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta, bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt meta ttanta jikkaġuna offiża ta' natura gravi fil-ġisem ta' Khaled M. Ibrahim Ben Nasan, liema delitt ma ġiex eżegwit

minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. ikkaġuna feriti ħfief fuq il-ġisem ta' Khaled M. Ibrahim Ben Nasan permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta;
3. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u bil-ġlied;
4. ġarr sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta li jkun u armi oħra, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni, lill-avukat tal-parte ċivile u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li għal ħabta tat-8.30 p.m. Khaled ben Nasan daħal l-għassa ta' San Ġiljan. Wiċċu kienu kollu demm u għalhekk intbagħat l-isptar għal kura. L-isptar sabu li kellu tlett feriti fuq rasu li wara li saru l-aċċertamenti tal-każ instab li kienu ta' natura ħafifa.

Illi Ben Nasan xehed li dak in-nhar ta' l-inċident hu kien qed jixtri xi ikel f'ħanut Paceville meta l-imputat ġie minn warajh u beda jtih b'speċi ta' sikkina u ikkawzalu l-feriti hawn fuq indikati.

Illi l-imputat ftit tal-ħin wara li Ben Nasan mar l-isptar daħal l-għassa ta' San Ġiljan biex jagħmel rapport. Dak il-ħin stess ġie arrestat. Hu nstab li kellu ferita ta' natura ħafifa fuq il-wiċċ ta' idu x-xelluqija. Hu qal li Ben Nasan kien aggredih b'sikkina u hu kien iddefenda ruħu biċ-ċavetta tal-van tiegħu.

Illi l-kwistjoni bejn l-imputat u il-vittma tirrigwarda somma ta' Lm800 li allegatament il-vittma kellu jagħti lill-imputat.

Ben Nasan qal li ser jagħti din is-somma lill-imputat iżda qabel kellu jzomm il-flus tal-bolla u tat-taxxa.  Fi ftit kliem Ben Nasan ma ta xejn lill-imputat li min-naħa tiegħu kien qed jiġri wara flusu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-ġlieda ġrat barra l-ħanut u mhux ġewwa l-ħanut kif allega Ben Nasan.  Fil-fatt, sid il-ħanut xehed li Ben Nasan kien ordna l-ikel, ħareġ u ftit wara daħal il-ħanut b'wiċċu bid-demm.

Illi l-mekkanika ta' kif beda l-inċident mhiex ċara u il-versjoni li taw il-partijiet hi kontrastanti.

Illi mill-provi prodotti l-ewwel u ir-raba' akkuża miġjuba kontra l-imputat ma ġewx pruvati skont il-liġi.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.  Issibu ħati tat-tieni akkuża iżda li għamel l-feriti permezz ta' ċavetta u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 221(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf euro (€1,000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------